# TEŻOR TA' ARTEFATTI ANTIKI MOGĦTI LIL HERITAGE MALTA MILL-KOLLEZZJONIST LOKALI PAUL ZAMMIT

**Stqarrija | 28 ta' Frar 2025**

Kollezzjoni ġeneruża ta' artefatti storiċi ngħatat mill-kollezzjonist lokali Paul Zammit lil Heritage Malta, biex tintwera fil-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta. Din hija waħda mill-akbar u l-aqwa għotjiet li qatt irċeviet il-kollezzjoni nazzjonali sa mit-twaqqif tal-Kumitat għall-Amministrazzjoni tal-Mużew fl-1903.

Is-Sur Zammit għamel din id-donazzjoni kemm biex tibqa' tifkira tiegħu kif ukoll f'ġieħ il-memorja tal-ġenituri tiegħu, Pio Eucharistico u Emmanuela Zammit.

Il-kollezzjoni mogħtija tinkludi artefatti l-ġmiel tagħhom mis-seklu 16 sas-seklu 18, li jvarjaw minn għamara, pitturi, linef u arazzi mirquma sa damaski. Jispikkaw fosthom insibu sett rari ħafna ta' żewġ gradenzi u bureau, armarju minn żmien l-Assedju l-Kbir, u żewġ arazzi tas-seklu 17 li juru xeni bibliċi. Dawn tal-aħħar ġew trasportati lejn id-De Wit Royal Manufacturers fil-Belġju, biex jiġu kkonservati flimkien mal-arazzi tal-Palazz li bdew jiġu ttrattati s-sena l-oħra.

Ħafna mill-oġġetti mogħtija, li s-Sur Zammit bi mħabba u passjoni għaqqad u ħa ħsieb matul is-snin, joriġinaw minn Malta. Madankollu hemm ukoll uħud li huma Taljani, Franċiżi, u Ingliżi. Il-kollezzjoni mogħtija se tintwera f'seba' spazji differenti fil-Palazz, biex b'hekk tarrikkixxi l-kollezzjoni nazzjonali u ttejjeb l-esperjenza tal-viżitatur.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, Owen Bonnici, qal li fl-2024 ġew irreġistrati 132 donazzjoni lil Heritage Malta. Dawn jinkludu eluf ta' artefatti u kampjuni naturali, minn kollezzjonijiet ta' insetti għal ħwejjeġ, dokumenti, għodod u oġġetti artistiċi.

"Dawn il-kontribuzzjonijiet jarrikkixxu l-patrimonju kulturali tagħna u jsaħħu r-riċerka u l-wirjiet. Għotjiet ta' oġġetti ta' valur storiku, kulturali, arkeoloġiku, naturali, huma kkonservati fl-ogħla standards biex jiġi assigurat li jibqgħu magħna ħalli jirrakkontaw ġrajjiethom lill-ġenerazzjonijiet futuri. Kontribuzzjonijiet bħal dawn jespandu l-ambitu għall-istudju u l-interpretazzjoni tal-passat tagħna, u b'hekk jixħtu dawl fuq aspetti ġodda u mhux esplorati ta' wirt pajjiżna," sostna l-Ministru Bonnici.

Mario Cutajar, Chairperson ta' Heritage Malta, saħaq li: "Il-patrimonju ma jinstabx biss fil-mużewijiet. Il-kollezzjonijiet li jinġabru b'tant għożża u reqqa fid-djar jafu jintisġu mal-istorja tagħna. Heritage Malta hija d-dar naturali għal dawn il-kollezzjonijiet, biex ikomplu jiġu apprezzati, studjati u anke jsibu udjenzi ġodda. Għotjiet bħal din ikomplu jkattru u jistagħnu l- kollezzjonijiet nazzjonali, li permezz tagħhom nagħrfu lilna nfusna."

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, esprima l-gratitudni tiegħu għal dan il-kontribut ġeneruż: "Nirringrazzjaw ħafna lis-Sur Zammit għad-donazzjoni imprezzabbli tiegħu. Donazzjonijiet bħal dawn jimlew lil Heritage Malta b'enerġija ġdida – mhux biss għax huma wirjiet b'saħħithom ta' fiduċja fil-ħidma tal-aġenzija, iżda wkoll għax jgħinuha fit-twettiq tal-missjoni tagħha li tippreserva, tikkonserva u tagħmel aċċessibbli l-wirt kulturali tagħna. Missjoni li Heritage Malta ma tistax twettaq waħedha."

Paul Zammit iddeskriva kif, "Id-donazzjoni ta' dawn l-artefatti lill-Palazz tal-Gran Mastru ħassejtha bħala rotta naturali. F'din il-binja storika nazzjonali, jistgħu jkomplu jaffaxxinaw u jispiraw lil viżitaturi u riċerkaturi għas-snin li ġejjin, u jħajru lil aktar nies jagħmlu bħali."

Filwaqt li mhux l-artefatti kollha jistgħu jiġu aċċettati mill-aġenzija, inħeġġu lil kull min qed jikkunsidra li jagħti donazzjoni biex jgħaddilna aktar dettalji. Għal aktar informazzjoni dwar kif tagħmel dan, tista' żżur: https://patronage.heritagemalta.mt/leave-a-legacy/.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta